KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**18/17**

**Minuti tat-tmintax il-laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret fil-15 ta' Diċembru, 2010, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzat:** Is-Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

**AGENDA**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tas-17 il-Lagha li bdiet fit-2 ta' Novembru u tkomplija ta' l-istess 17 il-Laqgha li saret fil-11 ta' Novembru, 2010)

3. Affarjiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tas-17 il-Lagha li bdiet fit-2 ta' Novembru u tkomplija ta' l-istess 17 il-Laqgha li saret fil-11 ta' Novembru, 2010)

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Rizultat tal-interviews dwar l-impjieg ta' skrivan/a li saru fid-29 ta' Novembru, 2010 u L-Impjieg ta' skrivan/a b'sehh mis-6 ta' Dicembru, 2010 fi Skala 15 mal-Kunsill Lokali Santa Venera.

6. Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

7. Il-qaghda finanzjarja u approvazzjoni tal-financial statements sat-30 ta' Settembru, 2010.

8. Korrispondenza

9. Ilmenti

10. Affarjiet ohra

11. Aggornament

**Talba / bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fis-6.08pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsllieri prezenti.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Cleaven Christian Bugeja kien baghat jinforma illi ma setghax jattendi minhabba impenji ta’ xoghol.

Il-Kunsill qabel li s-Sur Cleaven Christian Bugeja jigi skuzat ghal din il-laqgha.

**2.01 Qari u approvazzjoni tal-Minuti (Minuti tas-17 il-laqgha ta’ l-istess 17 il-laqgha li saret fil-11 ta’ Novembru, 2010.**

Il-Minuti tas-17 il-laqgha li bidet fit 2 ta’ Novembru, 2010 u tkomplija ta’ l-istess 17 il-laqgha li saret fil-11 ta’ Novembru, 2010 li gew cirkulati ghand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgha gew mehuda bhala moqrija.

**2.02 Korrezzjonjijiet dwar il-Minuti tas-17 il-laqgha li bidet fit-2 ta’ Novembru, 2010 (l-ewwel parti).**

**2.03 Pagna 3 Tema (VIII) Zieda: Korrispondenza mill-Perit Sarsero**

Il-Kunsill qabel li ghandha issir korrezjoni dwar l-isem “Romeo Garage” sabiex il-kelma Romeo tigi mhassra u flokha tidhol “Petrus Garage”

**2.04 Pagna 7**

Il-paragrafu ta qabel ta l-ahhar ghandu jigi mibdul u jibda jaqra hekk:

Is-Sindku spjega li l-haddiema tal-IPSL huma Haddiema tal-Kunsill kif spjega s-Sur Joseph Grillo fl-e mail tieghu li baghat lill-Kunsill fejn is-Sur Stephen Sultana jidher li kien emaljat.

**2.05 Pagna 9 Tema 4 Affarijiet ohra**

Is-Sindku talab li l-ahhar sentenza ta' dan il-paragrafu ghandha tigi mibdula u tibda taqra hekk:

Is-Sindku talab li ghandhom jittiehdu passi necessarji kontra s-Sinjorina Maria Aquilina.

Wara dawn it-tiswijiet (Korrezzjonijiet) il-Minuti tas-17 il-laqgha li bdiet fit-2 ta' Novembru 2010 gew approvati unanimament.

**3.0 Affarjiet li tqajmu mill-Minuti**

**3.01 Pagna 2 Tema (iii) 3.6 (ii) Parkegg fi Triq il-Kanun, Santa Venera**

Is-Sur Carmel Camilleri insista li l-Kunsill ghandu jkollu informazzjoni preciza u dokumentata dwar jekk il-parti fuq il-faccata tal-istabilimenti Country Flowers u Fuji hiex art pubblika jew art privata.

Is-Sur Carmel Camilleri gie infurmat li l-Kunsill ghadu sejjer b'din ir-ricerka.

**3.02 Pagna 3 Tema (VI) Tema 7 Dwar L-Emblema tal-Kunsill Lokali Santa Venera**

Is-Sindku ghamel refernza ghal din it-tema u talab li kull korrispondenza dwar l-emlema ghandha tintbghat direttament lill-Prim Ministru bhala l-persuna direttament risponsabbli mill-Gvern Lokali (Kunsilli).

**3.03 Pagna 3 Tema (IV) Dawl tan-nicca f'post pubbliku**

Is-Sindku qal li fuq dak li kiteb dan l-ahhar is-Sur Silvio Frendo il-Kunsill ma ghandux ikompli jikkonsidra jekk ghandux ihallas il-kera tal-meter ta din in-nicca u ghalhekk ma ghandux jidhol aktar f'din il-materja.

F'dan l-istadju, fuq mistoqsija tas-Sur Stephen Sultana, l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li dak kollu li s-Sur Stephen Sultana kien pogga fuq il-mejda tal-Kunsill dwar din in-nicca u konnessa mat-talba sabiex il-Kunsill ihallas il-kera tal-arlogg tad-dawl ta' din in-nicca kien ittiehed minnu stess fl-Ufficju tal-Gvern Lokali fi Triq l-Arcisqof, il-Belt u dan kien indirizzat lis-Sur Silvio Frendo.

Is-Sur Stephen Sultana irribatta li l-Kunsill ma ghandux iwaqqaf dan il-kas hawn u ghandu jkompli jinsisti sabiex jinghata l-permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ihallas il-kera tal-meter ta' din in-nicca peress li din in-nicca tinsab f'post pubbliku.

Saret talba sabiex il-proposta tas-Sindku li jwaqqaf il-kaz f'dan l-istadju tigi ghal vot.

Din il-proposta giet sekondata mill-Vici Sindku, s-Sur Ronald Briffa.

Din il-proposta ghaddiet ghal vot.

Is-Sindku, is-Sur Horace J. Anastasi, il-Vici Sindku, is-Sur Roanld Briffa, il-Kunsillieri, is-Sur Carmel Camilleri u s-Sinjura Mariella Micallef ivvotaw favur u l-Kunsillieri, is-Sur Stephen Sultana u s-Sur Edwin Formosa ivvotaw kontra.

Ghalhekk il-proposta ghaddiet 4 voti favur, 2 kontra u ma kienx hemm astensjonijiet.

Fis-6.55pm il-Vici Sindku s-Sur Ronald Briffa talab u jinghta permess li jhalli l-laqgha minhabba impenji ohra urgenti.

**3.04 Pagna 3 Tema (VIII) Zieda: Korrispondenza mill-Perit Sarsero**

Saret referenza ghall-ittra tat-Trasport Malta (TM) tat-8 ta' Novembru, 2010.

Il-Kunsill qabel li jwigeb lit-TM li lest li jobdi d-direttivi tat-TM izda peress li ma jafx ghal liema nuqassijiet li dwarhom qed tilmenta t-TM, il-Kunsill talab lit-TM tibghat id-dettalji kollha mehtiega sabiex il-Kunsill ikun jista' jiehu l-passi mehtiega.

Il-Kunsill qabel ukoll li tintbaghat kopja tal-korrispondenza lit-TM dwar "Petrus Garage" kif mitluba mill-Perit Sarsero sabiex il-Kunsill ma jkunx qed igorr responsabilita bla bzonn.

Dwar cint kif indikat fir-ritratt mibghut mill-Perit Sarsero, il-Kunsill qabel li jikteb lil MEPA dwar dan il-kaz ghaliex jidher illi dan ic-cint kif jinsab prezentament huwa kontra l-ligi.

**3.05 Pagna 3 Tema 03.01 Tema 3.6 Dwar xoghol bla permess**

Is-Sindku qal li ghandu jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan peress li dan il-crane qed jopera bil-lejl u bi nhar minghajr permess u minghajr dawl. Il-Kummissarju sejjer jigi infurmat li dwar dan, il-Kunsill ilu jinforma lill-Pulizija tad-Distrett izda jidher li mhux qed tittiehed azzjoni.

Il-Kunsill qabel li ghandha tittiehed azjoni immedjata ghaliex il-Kunsill ma jistax ikompli b'dan id-dewmien kollu.

**3.06 Pagna 4 Tema 03.3 Tema 3 (i) Korrispondenza – Mistoqsijiet – Ruling**

Is-Sur Stephen Sultana nsista li l-Kunsill ghandu jitlob ruling minghand id-Direttur Generali tal-Kunsilli Lokali jekk il-mistoqsijiet bil-miktub ghandhomx jigu imwiegba ukoll bil-miktub.

Il-Kunsill qabel li jintalab dan ir-ruling.

**3.07 Pagna 5 Affarijiet ohra / aggornament**

Il-Kunsill ikkonsidra li fi Triq l-Imsida s-sinjali dwar it-traffic management ma jidrux. Il-Kunsill qabel li dawn is-sinjali ghandhom jigu rifreskati.

**3.08 Pagna 6 Tema 03.12 Tema (VI) Zebra Crossing**

Il-Kunsill talab permess sabiex titnehha z-zebra crossing fi Triq il-Parilja kantuniera ma Triq il-Ferrovija u tibqa l-kelma “STOP” f’post kwazi fi Triq il-Ferrovija quddiem il-hanut Natura Pet Shop.

Il-Kunsill qabel li kif gew l-affarjiet zdied aktar il-periklu u ghalhekk dan ghandu jigi rimedjat bla dewmien.

**3.09 Pagna 6 Tema 03.12 Tema (VI) Zebra Crossing, Pelican Light u Bus Stop**

Is-Sur Stephen Sultana qal li xtaq jippreciza “li n-vista li l-affarjiet li qed nara u mill-korrispondenza li rajt s’issa”, kien qed ihoss li t-talba li ticcaqlaq il- bus bay hija gustifikata u fil-fehma tieghu, jekk isir il-hajt fi Triq il-Ferrovija se jaghti soljev lir-residenti ta’ Triq il-Parilja.

Is-Sindku qal li waqt il-laqgha pubblika, fil-prezenza tal-Kunsillieri, operaturi u sidien tal-Park Towers Supermarket, Ufficjali tal-Pulizija u Ufficjal inkarigat mit-Traffic Wardens, sar qbil li s-sidien jaghmlu talba mill-gdid dwar it-taghbija u l-hatt f’parti ta’ gewwa tal-istabiliment indikat u liema talba trid tigi approvata mill-MEPA u jixtieq li residenti tal-madwar ghandhom jaghtu l-bicca taghhom billi jissaportu sakemm din tinbena bla dewmien.

Fir-rigward tal-bus bay u bus shelter, it-TM stess rat li ghandhom jibqghu fejn kienu u t-TM stess infurmat lill-Kunsill li fl-istess parti ghandhom isiru l-Pelican Lights.

Is-Sindku ssuggerixxa li bhala soluzzjoni, li sabiex u sakemm isir dan kollu (u jekk dejjem jigi approvat mill-MEPA) dak l-operatur fl-istabiliment tal-laham fl-istess Park Towers Supermarket, jista jidhol fil-garaxx mit-Triq Guze Flores u jipparkja hdejn il-lights u jtella l-laham minn hemm ghax fil-fatt hemm inqas tul milli kieku l-van li jgorr il-laham jipparkja fl-imsemmija bus stop.

Is-Sindku qal li hemm periklu ghall-pubbliku u kien qed jitfa r-responsabilita fuq it-Transport Malta. It-TM ghal ghalhekk ghandha tiehu d-decizjoni mehtiega dwar jekk iccaqlaqx il-bus bay.

F’dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana qal li l-Kunsill ghandu jiehu decizjoni u TM ghandha tinghata gwida dwar id-decizjoni tal-Kunsill.

Is-Sur Stephen Sultana qal li l-Kunsill ghandu jiffoka u jahdem dwar tlett affarjiet li huma – l-bus bay, l-Pelican Lights u l-loading u unloading bay.

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu joqghod fuq id-decizjoni li hadet it-Transport Malta (TM) fis-sens li bus bay ma ghandux jiccaqlaq minn fejn jinsab.

Din il-proposta tas-Sindku li giet sekondata mis-Sinjura Mariella Micallef u l-istess proposta marret ghal vot.

Favur: Sindku – Is-Sur Horace J. Anastasi
Kunsillieri – Is-Sur Carmel Camilleri, is-Sinjura Mariella Micallef

Kontra: Kunsillieri – Is-Sur Stephen Sultana
Is-Sur Edwin Formosa

Astenzjonijiet – xejn

Il-proposta tas-Sindku li l-Kunsill jaqbel mad-decizjoni tat-TM li l-bus bay tibqa fejn tinsab prezentament ghaddiet.

**3.10 Pagna 6 Tema 03.15 Tema 4 (5) Tender – Resurfacing of Roads by PPP agreement at Santa Venera**

Il-Kunsill gie infurmat li saret l-evalwazjoni mill-Perit Stephen Farrugia (perit inkarigat mill-Kunsill) u l-ahjar offerta hija dik ta Central Asphalt.

Il-Kunsill qabel li jaccetta l-offerta ta Central Asphalt ghas-somma ta € 257263, (liema somma ma tinkludiex somma ta kontingenza dwar xoghol iehor li jista' jkun mehtieg.)

Fuq osservazzjoni tas-Sur Stephen Sultana il-Kunsill qabel li jitlob aktar dettalji dwar Misrah il-Barrieri sabiex jigi pprecizat liema parti tat-Triq sejra tigi resurfaced skond dan il-progett tal-PPP.

Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob il-Perit S. Farrugia sabiex kull triq tigi evalutata specifikament sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jaf kemm tkun qed tiswa kull triq f'dan il-progett.

Il-Kunsill qabel li jkompli fil-process u rappresentazjoni mehtiega mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan il-process tal-PPP dwar it-toroq imsemmija gewwa Santa Venera.

**3.11 Pagna 7 Tema 03.17 Tema (ix) Haddiema Assenjati mall-Kunsill**

Is-Sur Stephen Sultana qal li xtaq jippreciza li ma rcieva l-ebda forma ta' korrispondenza dwar dan.

**3.12 Pagna 8 Tema 03.19 korrezjoni tal-Minuti**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li xtaq izid ma dak li qal fil-laqgha l-ohra tal-Kunsill dwar din it-tema f'dan is-sens:
"U ghalhekk jekk il-Kunsill jinfetahx sa hin partikolari kellha tkun decisjoni tal-Kunsill u mhux tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali."

F'dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana ghamel osservazjoni li skond il-ligi u procedura dwar il-Kunsilli Lokali, l-Amministrazjoni hija responsabilita tas-Segretarju Ezekuttiv u ghalhekk ma jistax jifhem ghaliex is-Sur Carmel Camilleri qed jehodha kontra d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**4.0 Sospenzjoni tal-Agenda**

F'dan l-istadju s-Sindku talab u l-Kunsill qabel li ssir sospenzjoni tal-Agenda peress li kien hemm materji ta natura urgenti li ghandhom jigu diskussi mill-Kunsill.

**4.01 Hlas pendenti lil Central Asphalt**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi huwa, flimkien ma l-Agent Segretarju Ezekuttiv, kellu laqgha mad-dirigenti ta' Central Asphalt dwar il-kont pendenti li jlahhaq is-somma ta' €6910.28

Is-Sindku spjega li jidher li kienu l-Ex Sindku u l-Ex Segretarju Ezekuttiv kienu li taw l-Ordni lil Central Asphalt dwar dawn ix-xoghlijiet.

Is-Sindku qal li fil-fehma tieghu il-Kunsill kien gie ttradut meta kien gie infurmat li dawn ix-xoghlijiet ma kienux sejrin izidu l-kont.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li x-xoghlijiet saru, izda l-Kunsill ma jafx il-mizura u minn fejn sa fejn, kienu zdiedu dawn ix-xoghlijiet.

Il-kunsill qabel li d-Dirigenti ta' Central Asphalt ghandhom jiktbu u jinfurmaw lill-Kunsill u jaghmluha cara dwar min fil-fatt kien taghhom struzjonijiet sabiex isiru x-xoghlijiet in-kwistjoni li ziedu l-kont.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li wara li jsiru dawn il-kjarifiki u jkun hemm dikjarazjoni tal-Perit li dawn ix-xoghlijiet atwalment saru, l-Kunsill ikun jista' jaghmel il-pagament.

**5.0 Skeda ta' pagament**

Il-Kunsill gie infurmat dwar l-items li jidru fl-iskeda tal-pagament ghax-xahar ta 3 ta Novembru, 2010 – 15 ta Dicembru, 2010 li tammonta ghal €28,805.22 u qabel li japprova din l-iskeda u jipprocedi bil-pagamenti msemmija kif ikun il-kaz.

Il-Pagament dwar €426.45 (Pinto Caterers) jinsab sospizz peress li dwar dan sejra issir diskusjoni fil-laqgha li jmiss.

Il-Kunsill gie infurmat illi l-Bank of Valletta PLC kien ghamel sponsorsjhip ta' €500 dwar Jum Santa Venera 12, 13, 14 ta' Novembru, 2010 u li dan l-ammont ta' €500 dahal fil-kont tal-Kunsill fis-6 ta' Dicembru, 2010.

**6.0 Aggornament**

Peress li kien sar il-hin il-Kunsill qabel li din il-laqgha tigi aggornata ghall-hamis 6 ta' Jannar, 2011 fis-6.00pm sabiex tkompli fuq l-istess agenda li kienet originalment cirkulata lil Kunsillieri kollha.

Finalment is-Sindku u l-Kunsillieri taw l-Awguri ghal Milied u Sena l-Gdida 2011 kemm lil xulxin kif ukoll lir-residenti kollha ta' Santa Venera.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Agent Segretarju Ezekuttiv | Horace J. Anastasi<br>Sindku |

Data_________________